MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2007

Numru 4/2003

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Brian Vella**

Il-Qorti,

Rat l-Att ta' l-Akkuza numru 4 tas-sena 2003, kontra l-akkuzat Brian Vella, li bih huwa gie akkuzat talli :

1) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi f'xi hin kmieni wara nofsinhar ta' nhar il-Festa ta' San Pawl, ghaxra ta' Frar tas-sena elfejn, **Brian Vella** iltaqa' ma' zewg persuni ohra bl-isem ta' Dominic Bonnici u Robert Borg gewwa l-Kazin Nazzjonalista ta' Santa Lucia. Waqt li huma qattghu ftit tal-hin jixorbu, **Brian Vella** hajjar lil shabu fuq imsemmija sabiex jaghmlu serqa tajba minn gewwa d-dar fejn kienet tghix wahedha koppja anzjana, ir-ragel bl-isem ta' Gerald Grima, mentri l-mara bl-isem ta' Josephine Grima. Din il-koppja kienet tghix gewwa Flat 3, Block A, Apartments 21$^{st}$ September, 1964, Triq il-Prinjoli, Santa Lucia.

**Brian Vella** kien midhla sew tal-movimenti ta’ din il-koppja Grima, fis-sens li kien jaf ir-regolarita’ fil-hin li huma kienu jidhlu u johorgu, u, specjalment, fix hin Gerald Grima kien johrog jaghmel zewg passi bil-kelb tieghu. Mhux biss, imma talli **Brian Vella** kellu wkoll idea tajba hafna ta’ x’gid kbir kienu jippossjedu l-istess koppja Grima, bhal, per ezempju, affarijiet tad-deheb u flus kontanti.

Fil-waqt li Robert Borg ma waqax ghal tali tentazzjoni, Dominic Bonnici ssieheb ma’ **Brian Vella** fil-pjan li titwettaq is-serqa. Kien ghalhekk li ftehemu il-hin u l-mod kif kellhom iwettqu din is-serqa.

Fil-fatt kien f’xi hin wara t-tmienja u nofs ta’ filghaxija tal-10 ta’ Frar, 2000, meta Dominic Bonnici u **Brian Vella** flimkien rehulha ghal fejn ir-residenza tal-koppja Grima. Ghal din is-serqa inqdew b’vettura Volkswagon ta’ lewn iswed fejn fiha garrew zewg pari kalzetti, tape, barnuza, tights tan-nisa u roll tape wiesgha. Dawn l-affarijiet kollha kellhom jintuzaw fis-serqa. Kien l-istess **Brian Vella** li kien ipprokura it-tape imsemmi minn certu Matthew Cilia, li kien jigi l-gharus ta’ ohtu.

**Brian Vella** u Dominic Bonnici qaghdu ghal xi hin jistennew lil Gerald Grima, li kellu disgha u sebghin sena, johrog bil-kelb tieghu u jigi lura. Kif gara hekk riedu jahsdu lill-koppja Grima billi jisgassaw il-bieb li kien jaghti fuq in-naha ta’ wara tar-residenza tal-istess koppja. Fil-fatt hekk ghamlu, u hasdu lil Josephine Grima, ta’ tlieta u sittin sena, li kienet qeghda tistenna lil zewgha fil-bieb ta’ barra. Kif ghamlu hekk, kien **Brian Vella** li, liebes il-barnuza, qabad u rabat lil Josephine Grima bit-tape fuq il-parti t’isfel ta’ gisimha. Imbaghad, rabat it-tape ma’ halqha. Wara li Dominic Bonnici rabat lil Gerald Grima, kien l-istess **Brian Vella** li rabat flimkien lill-koppja Grima b’cinga tal-gilda.

F’dan il-waqt, **Brian Vella** u siehbu Dominic Bonnici bdew iduru kamra, kamra tar-residenza tal-koppja Grima bil-ghan li jfittxu ghal xi flus u affarijiet tad-deheb u oggetti ohra ta’ valur. Gabru u hadu flus kontanti u affarijiet tad-

deheb li l-valur totali taghhom kien jaqbez l-elf lira. B'kollox, **Brian Vella** u siehbu Dominic Bonnici damu hemm gew aktar minn nofs siegha, u kien ghal dan il-hin kollu, u ferm aktar, li l-koppja Grima damet marbuta ma' xulxin b'halqhom mghotti, tant li eventwalment spiccaw sabiex fgaw minhabba l-mod kif gew marbuta u halqhom mghotti, kif ahjar jigi deskritt fil-kapi li gejjin.

Kien ukoll waqt dan il-hin ta' aktar minn nofs siegha li **Brian Vella** u siehbu Dominic Bonnici, anke peress li kellhom grizmejhom niexfa bl-alkohol li kienu xorbu aktar kmieni dak in-nhar, qabadhom l-ghatx u xorbu xi halib li sabu gewwa l-fridge tal-koppja Grima. Sabu l-hin u l-kumdita' kollha wkoll li jpejjpu xi sigaretti, tant li meta sussegwentement il-Pulizija ghamlu l-indagni taghhom fuq il-post tad-delitt, sabu zewg fdalijiet ta' sigaretti li, minn analizi forensici li saru fuqhom minn xi esperti nominati, rrizulta li kienu jikkontjenu DNA Profile Match li kienu perfettament kompatibbli mad-demm ta' **Brian Vella**.

Wara li **Brian Vella** w siehbu Dominic Bonnici hadu dak li kellhom jiehdu, huma rehewlha ghal barra minn hemm, pero' mhux qabel ma kienu konxji li l-koppja Grima ma kienux aktar qeghdin jiehdu nifs, jigifieri li kienu mietu. Dan kollu **Brian Vella** u siehbu Dominic Bonnici bassruh mill-bidu nett li rabtu w saddew halq il-koppja Grima w tul il-hin kollu li damu fir-residenza taghhom. B'danakollu, hadd minnhom ma refa' idejh sabiex itaffu n-nifs difficli li kienet qeghda tiehu l-koppja Grima. Refghu idejhom biss sabiex jisirqu w igorru flus u affarijiet prezzjuzi b'kemm setghu jgorru.

Illi b'eghmilu l-imsemmi **Brian Vella** sar hati ta' serq ikkwalifikat bil-mezz, valur, hin, lok u vjolenza, u li sar ghad-detriment tal-eredi tal-mejta Gerald u Josephine Grima.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi **Brian Vella** hati ta' serq ta' flus u oggetti li jiswew aktar minn elf lira, liema serq huwa ikkwalifikat bil-vjolenza (omicidju volontarju flimkien ma' sekwestru tal-persuna), bil-mezz (ksur ta' gewwa jew ta'

barra jew bi skalata, cioe' billi b'xi mod wiehed jixxabbat biex jitla jew jinzel, jew ksur ta' mezzi bhal dawn li qeghdin sabiex ma jhallux id-dhul f'dar jew f'lok iehor jew f'recint), bil-lok (dar ta' abitazzjoni jew parti li taghmel maghha), bil-valur (aktar minn elf lira) u bil-hin (bejn inzul u tlugh ix-xemx).

U peress li l-imsemmi **Brian Vella** ikkommetta dan id-delitt fil-perjodu operativ ta' sentenza ta' prigunerija sospiza inflitta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-19 ta' Novembru, 1999, kif ukoll bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 152 meta, b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-31 ta' Mejju, 1999, kien gie liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat, u anke irrenda ruhu recidiv peress li b'sentenza ohra tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-20 ta' Marzu, 1998, huwa kien instab hati ta' delitt.

Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi, u li huwa jigi ikkundannat u jehel il-piena ta' pigunerija ghal ghomru, bil-piena tar-rekluzjoni, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 261(a)(b)(c)(e)(f), 262(1)(a)(b), 263, 264, 266, 267, 269(g), 270, 272, 277(a)(b), 279(b), 276A, 49, 50, 289, 329, 330, 31, 28A sa' 28H, 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll fl-artikoli 5, 9 u 10 tal-Kapitolu 152, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata skond kif jigi iddikjarat hati l-akkuzat.

2) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fil-pjan mahsub minn qabel nhar l-10 ta' Frar, 2000, bejn **Brian Vella** u Dominic Bonnici, sabiex jisirqu mir-residenza tal-koppja Grima, kif ahjar deskritt u elaborat fl-ewwel kap hawn fuq, ma kien hemm ebda hsieb minn qabel li joqtlu lill-istess koppja Grima, jew xi hadd minnhom.

B'danakollu, filwaqt li rnexxielhom jidhlu fir-residenza tal-koppja Grima, kien **Brian Vella** li, bit-tape li kien ipprokura minn qabel, ghatta w sadd halq Josephine Grima w rabtilha l-parti t'isfel ta' gisimha. Aktar tard, kien hu wkoll li, b'cinga tal-gilda, rabat lill-istess Josephine Grima ma'

Gerald Grima li wkoll, nel frattemp,  kellu halqu mghotti w misdud bit-tape.

Dan kollu, **Brian Vella** ghamlu sabiex ighin il-konsumazzjoni tad-delitt ta’ serq u sabiex jehles mill-ghagha tal-koppja Grima.

Izda **Brian Vella** u Dominic Bonnici hadu l-hin kollu taghhom sabiex iqallbu w jisirqu mill-fond, tant li, bil-kalma w kumdita’ kollha, sabu wkoll il-hin li jixorbu, jpejjpu w jistriehu mill-atti doluzi taghhom.

Tul dan il-hin kollu, u minkejja li Brian Vella kien konxju u kien qed jara lil Josephine Grima tbati biex tiehu n-nifs, ma ghamel xejn sabiex jiffacilitalha l-istess nifs u jzommha hajja.  Bl-atti li ghamel fuq il-persuna taghha, **Brian Vella** wera u ezegwixxa l-intenzjoni specifika pozittiva indiretta tieghu li ipoggilha hajjitha f’periklu car, tant li ikkagunalha l-mewt.

Ghalkemm ma riedx li specifikatament joqtolha, gie jaqa’ u jqum mill-konsegwenzi naturali, ovvji w perikolanti li l-atti minnu volontarjament kommessi, setghu, kif fil-fatt, gabu.

Illi b’eghmilu l-imsemmi **Brian Vella** sar hati ta’ omicidju volontarju, w cioe’ talli dolozament, bil-hsieb li joqtol lil Josephine Grima jew li jqieghed il-hajja taghha f’periklu car, ikkagunalha l-mewt.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi **Brian Vella** hati ta’ omicidju volontarju, u cioe talli, dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna JEW li jqieghed il-hajja taghha f’periklu car, ikkagunalha l-mewt.

U peress li l-imsemmi **Brian Vella** ikkommetta dan id-delitt fil-perjodu operativ ta’ sentenza ta’ prigunerija sospiza inflitta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-19 ta’ Novembru, 1999, kif ukoll bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 152 meta, b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati

(Malta) tal-31 ta' Mejju, 1999, kien gie liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat, u anke irrenda ruhu recidiv peress li b'sentenza ohra tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-20 ta' Marzu, 1998, huwa kien instab hati ta' delitt.

Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi, u li huwa jigi kkundannat u jehel il-piena ta' prigunerija ghal ghomru, bil-piena tar-rekluzjoni, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 211(1)(2), 492, 17(b), 31, 49, 50, 20, 28A sa' 28H u 533 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll fl-artikoli 5, 9 u 10 tal-Kapitolu 152, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata skond kif jigi iddikjarat hati l-akkuzat.

3) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi nhar l-10 ta' Frar, 2000, l-istess atti li huwa volontarjament ikkommetta fuq il-persuna ta' Josephine Grima, **Brian Vella** irrepetihom, ftit tal-hin wara, fuq il-persuna ta' Gerald Grima bl-istess hsieb u intenzjoni li wera fuq il-hajja ta' Josephine Grima. Fi kliem iehor, forsi ma kellux il-hsieb maghmul minn qabel li joqtol lil Gerald Grima, pero' b'dak li huwa ghamel fuq persuntu, w cioe' li dawwar it-tape ma' halq Gerald Grima, rabatlu idejh u saqajh u rabtu b'cinga ma' Josephine Grima, huwa ried il-konsegwenzi naturali tal-atti, minnu maghmula dolozament. Dawn l-atti poggew il-hajja ta' Gerald Grima f'periklu car, tant li ftit ftit, matul agonija ta' aktar minn nofs siegha, **Brian Vella** u Dominic Bonnici kienu qed jaraw u jisimghu in-nifs ta' Gerald Grima jbatti w jiddghajjef, sakemm fl-ahhar gheb ghal kollox u faga. **Brian Vella** ma impurtah xejn minn dan kollu u minn dik ix-xena ta' tbatija, anke jekk is-serqa kienet ga' giet kommessa w setghu jitilqghu l-hemm, mghottija kif kienu wicc il-hallelin. Minflok, qaghdu iqattghu aktar hin jixorbu w jistriehu.

Illi b'eghmilu, ghal'darb'ohra, l-imsemmi **Brian Vella** sar hati ta' omicidju volontarju, u cioe' talli, dolozament, bil-hsieb li joqtol lil Gerald Grima jew li jqieghed il-hajja tieghu f'periklu car, ikkagunalu l-mewt.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi, jakkuza lill-imsemmi **Brian Vella** hati ta' omicidju

volontarju, u cioe’ talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna JEW li jqieghed il-hajja taghha f’periklu car, ikkagunalha l-mewt.

U peress li l-imsemmi **Brian Vella** ikkommetta dan id-delitt fil-perjodu operativ ta’ sentenza ta’ prigunerija sospiza inflitta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-19 ta’ Novembru, 1999, kif ukoll bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 152 meta, b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-31 ta’ Mejju, 1999, kien gie liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat, u anke irrenda ruhu recidiv peress li b’sentenza ohra tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-20 ta’ Marzu, 1998, huwa kien instab hati ta’ delitt.

Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi, w li huwa jigi ikkundannat u jehel il-piena ta’ prigunerija ghal ghomru, bil-piena tar rekluzjoni, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 211(1)(2), 492, 17(b), 31, 49, 50, 20, 28A sa’ 28H u 533 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll fl-artikoli 5, 9 u 10 tal-Kapitolu 152, jew ghal kull piena ohra li tista’ skond il-ligi tinghata skond kif jigi iddikjarat hati l-akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni;

Rat il-verdett tal-gurati tal-lum li bih, b’seba’ (7) voti favur u b’zewg (2) voti kontra sabu lill-Brian Vella hati skond l-Ewwel kap tal-Att tal-Akkuza izda minghajr il-kwalifika tal-mezz u b’dan li l-valur tal-oggetti kien jeccedi l-mitt lira (LM100) izda ma kienx jeccedi l-elf lira Maltin (LM1000).

Li bih b’sitt (6) voti favur u bi tlett (3) voti kontra sabu lill-Brian Vella hati skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza.

Li b’sitt (6) voti favur u bi tlett (3) voti kontra sabu lill-Brian Vella hati skond it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza.

Rat il-verbal li bih l-akkuzat permezz tad-difensuri tieghu ddikjara li ma kienx qed jikkontesta l-addebitu li kkommetta delitt fil-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza inflitta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-19 ta’ Novembru, 1999 kif ukoll l-addebitu li bi ksur tad-

dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 152 meta b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-31 ta' Mejju 1999 kien gie liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat kif ukoll l-addebitu li hu rrenda ruhu recediv peress li b'sentenza ohra tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-20 ta' Marzu 1998, huwa kien instab hati ta' delitt.

Rat il-verdett ulterjuri tal-gurati li bih unanimament sabu lill-Brian Vella hati tal-addebitu illi kiser il-kondizzjonijiet imposti fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-31 ta' Mejju, 1999 meta kien gie lliberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat kif ukoll tal-addebitu li rrenda ruhu recediv peress li b'sentenza ohra tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-20 ta' Marzu, 1998 huwa kien instab hati ta' delitt.

1. Tiddikjara ghalhekk lil Brian Vella hati talli fl-10 ta' Frar, 2000, gewwa Flat 3, Block A, Apartments 21st September, 1964, Triq il-Prinjoli, Santa Lucia, kkommetta serq ta' flus u oggetti li jiswew aktar minn mitt lira Maltin (LM100) izda mhux aktar minn elf lira Maltin (LM1000), liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza (omicidju volontarju flimkien ma sekwestru ta' persuna) bil-lok (dar ta' abbitazzjoni jew parti li taghmel maghha) bil-valur (aktar minn mitt lira Maltin izda mhux aktar minn elf lira Maltin) u bil-hin (bejn inzul u tlugh ix-xemx), kif ukoll li Brian Vella kkommetta dan id-delitt fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza nflitta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fid-19 ta' Novembru 1999 kif ukoll bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta, meta b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-31 ta' Mejju 1999 kien gie liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat u anke rrenda ruhu recediv peress li b'sentenza ohra tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-20 ta' Marzu 1998, huwa kien instab hati ta' delitt, u dana skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza;

2. Tiddikjara lil Brian Vella hati fl-10 ta' Frar, 2000 gewwa Flat 3, Block A, Apartments 21st September, 1964, Triq il-Prinjoli, Santa Lucia, kkommetta omicidju volontarju w cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtol lil Josephine Grima jew li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car,

ikkagunalaha l-mewt u talli kkommetta dan id-delitt fil-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza nflitta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fid-19 ta’ Novembru 1999 kif ukoll bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-31 ta’ Mejju 1999 kien gie liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat u anke rrenda ruhu recediv peress li b’sentenza ohra tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-20 ta’ Marzu 1998, huwa kien instab hati ta’ delitt, u dana skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza;

3. Tiddikjara lil Brian Vella hati talli fl-10 ta’ Frar, 2000 gewwa Flat 3, Block A, Apartments 21st September, 1964, Triq il-Prinjoli, Santa Lucia, kkommetta omicidju volontarju w cioe’ talli dolozament bi hsieb li joqtol lil Gerald Grima jew li jqieghed il-hajja tieghu f’periklu car, ikkagunalhu l-mewt u talli kkommetta dan id-delitt fil-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza nflitta fuqu mill-Qorti tal-magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fid-19 ta’ Novembru 1999 kif ukoll bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-31 ta’ Mejju 1999 kien gie liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat u anke rrenda ruhu recediv peress li b’sentenza ohra tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-20 ta’ Marzu 1998, huwa kien instab hati ta’ delitt,

Rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w ezaminata mid-difiza.

Rat il-verbal li bih il-prosekuzzjoni ddikjarat illi ma kienitx qed tinsisti ghall-applikazzjoni tal-piena tar-rekluzzjoni kif talbet fl-Att tal-Akkuza, kif ukoll fejn iddikjarat illi hemm il-konkors ideali w formali bejn l-Ewwel Kap u t-Tieni w it-Tielet Kapi tal-Att tal-Akkuza.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena tal-abbli prosekutur u tal-abbli difensur.

Qieset is-sottomissjonijiet kollha tal-abbli difensur li jinsabu kollha registrati w senjatament imma mhux biss is-segwenti w cioe’ :-

1. illi l-verdett tal-gurati ma kienx unanimu u fir-rigward tat-Tieni u tat-Tielet Kap kien l-inqas verdett possibbli skond il-Ligi w li ghalhekk skond l-Artikolu 492 tal-Kodici Kriminali l-Qorti kellha d-diskrezzjoni li minflok piena ta' prigunerija ghal ghomru tissentenzja lill-hati ghal piena ta' mhux inqas minn tnax il-sena prigunerija;
2. illi peress li l-guri gie xolt darbtejn qabel, il-hati gie pregudikat b'emenda procedurali li dahlet fis-sehh fil-mori u li biha ma kienx ghad hemm il-htiega li x-xhieda tal-ko awtur jew tal-komplici tkun korroborata b'xi cirkostanzi ohra;
3. li l-hati sofra pregudizzju kbir minn bumbardament li kien hemm fil-media dwar il-kaz tieghu, ghalhekk kien il-kaz li din il-Qorti ma tapplikax il-piena ta' ghomor il-habs;
4. li l-ko-awtur f'dawn ir-reati Domenic Bonnici kien gie sentenzjat biss ghal tletin sena prigunerija w mhux ghall-ghomru.

Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli prosekutur Dr. Anthony Barbara w cioe:-

1. li jekk kien hemm kaz li s-socjeta' kienet tistmerru dan kien il-kaz tal-qtil ta' dawn iz-zewg anzjani li thallew imutu fgati ghal tul ta' hin bil-mod, il-mod u ghaddew minn martirju sakemm mietu. Il-hati ma kellux hniena minnhom u hallihom imutu b'mod sfaccat u egojistiku u dana biex jaghmel gwadan;
2. li ma kienitx korretta d-difiza meta qalet li l-verdett kien minimu ghax il-verdett fuq l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza li kien ukoll jikkomprendi htija ta' serq bil-kwalifika ta' omicidju, kien wiehed ta' seba' (7) voti kontra tnejn (2);
3. li l-Qrati kienu taw diversi opportunitajiet lill-hati taht forma ta' sentenzi sospizi w liberazzjonijiet kondizzjonati u r-risposta tieghu ghal dan kienet li spicca kkommetta omicidju duplici;
4. jekk il-Ligi kienet tippreskrivi l-piena ta' ghomor il-habs ghal omicidju wiehed kif setghet id-difiza titlob li ma tinghatx is-sentenza ta' ghomor il-habs fil-kaz ta' zewg omicidji?;
5. illi l-ko-awtur Domenic Bonnici kien inghata piena ta' prigunerija ta' tletin sena propju ghaliex kien irregistra

ammissjoni mill-ewwel kuntrarjament ghal dak li ghamel Brian Vella;
6. Ghalhekk il-prosekuzzjoni tenniet li qed tinsisti bil-qawwa kollha li tinghata l-piena ghal ghomor il-habs biex is-socjeta' tinghata messagg li dawn il-kwalita' ta' reati ma jistghu jigu tollerati jew kondonati bl-ebda mod.

Ikkonsidrat

Illi fil-waqt li hu minnu li l-Qorti fejn il-verdett tal-gurati ma jkunx unanimu ghandha diskrezzjoni fakultattiva li ma tapplikax il-piena ta' ghomor il-habs, din id-diskrezzjoni trid tintuza bl-akbar ghaqal u gudizzju u tiddependi hafna mill-kwalita', mill-gravita' u mill-pluralita' tal-kazijiet li taghhom ikun instab hati l-akkuzat.

Illi ghalkemm huwa minnu wkoll li bhala rizultat tal-emenda procedurali ghall-Artikolu 639(3) ma baqax mehtieg li biex ix-xhieda tal-komplici jew tal-ko-awtur tkun ammissibbli din trid tkun ikkorroborata minn xi cirkostanzi, l-emenda xorta wahda imponiet fuq il-Qorti l-obbligu mandatorju li taghti direttiva lill-gurati biex jiznu x-xhieda tal-komplici jew ko-awtur b'kawtela qabel ma jserrhu fuqha u jaslu biex isibu hati lill-akkuzat.

F'dan il-kaz l-istess difiza ma kkontestatx l-applikkabilita' ta' din l-emenda procedurali ghall-kaz odjern, u din il-Qorti ottemperat ruhha strettament u rigorozament mall-obbligu mpost fuqha billi, fil-kors tal-indirizz taghha lill-gurati ghall-diversi drabi rrepettiet b'emfasi kbira din id-direttiva. F'kull kaz pero' din il-Qorti hija tal-fehma soda li kien hemm hafna cirkostanzi, uhud minnhom bazati fuq provi xjentifici w inkonfuttabbli li kienu jikkorroboraw ix-xhieda tal-ko-awtur Domenic Bonnici u ghalhekk tqies li l-hati ma seta' jsofri ebda pregudizzju bhala rizultat ta' dik l-emenda.

Illi dwar it-tielet sottomissjoni li l-hati sofra xi pregudizzju minn xi bumbardament fil-media dwar il-kaz tieghu din il-Qorti tillimita ruha li taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti Civili Prim'Awla, (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) tad-9 ta' Mejju, 2007, partikolarment ukoll meta hafna mir-

rapurtagg tal-kaz kien jirrigwarda kawzi li ghamel l-istess hati biex iwaqqaf li jsir il-guri w stqarrijiet moghtija lill-media mill-istess difensuri tal-hati.

Dwar il-piena li nghatat lill-ko-awtur Domenic Bonnici hemm differenza tremenda bejn il-fedina penali tieghu u dik tal-hati w filwaqt illi Bonnici setgha jibbenefika mill-fatt li huwa ammetta l-htija tieghu mill-ewwel u dan skond il-gurisprudenza ghandu jigi rifless fil-piena, l-istess ma japplikax ghall-hati f’din il-kawza.

Qieset ukoll li l-hati sal-lum gie kkundannat mill-Qrati ghall-mhux inqas minn sittax il-darba ghar-reati serji diversi ta’ serq, attakk u rezistenza kontra l-forza tal-ordni, tentattiv ta’ incendju ta’ karozzi, rapporti foloz ta’ reati lill-awtorita’, theddid ripetut kontra diversi membri tal-forzi tal-ordni, feriment ta’ Supratendent tal-Pulizija u nies ohra tal-korp u persuni privati, kif ukoll li ghamel uzu minn passaport mhux tieghu u ffalsikifa l-istess, dikjarazzjonijiet u stqarrijiet foloz lill-awtorita’ bi hsieb li jikseb vantagg u reati ta’ frodi,  apparti ruxxmata ta’ reati li ghandhom x’jaqsmu mas-sewqan.

Wara li qieset dan kollu, u li per konsegwenza ta’ din is-serqa tilfu hajjithom b’mod mill-aktar kiefer u brutali z-zewg anzjani u dana ghall-skop ta’ serq, tqies li hemm lok li l-piena tkun tirrifletti pjenament il-gravita’ enormi tal-kaz.

Ghaldaqstant din il-Qorti wara li rat l-artikoli 261 (a)(b)(c)(e)(f), 262 (1)(a), 269(g), 270, 272, 275, 276(A), 277(a), 279(a), 49, 50, 289, 211 (1)(2), 17, 31, 28A sa 28H, (inkluzi b’mod partikolari l-Artikoli 28B (3) u 28E (2) kif kienet il-Ligi fiz-zmien tal-kommessjoni tar-reati) 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali u kif ukoll l-Artikoli 5, 9 u 10 tal-Kapitolu 152, tikkundanna lill-hati Brian Vella ghall-piena ta’ prigunerija ghall-ghomru w inoltre tikkundanna l-hati li jhallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta’ elf tmin mija w tmienja w sebghin lira Maltin u hamsa w erbghin centezmu (LM1878.45c) spejjez peritali,  li jekk ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mill-lum jigu konvertiti f’terminu iehor ta’ prigunerija skond il-Ligi.

Inoltre wara li rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-31 ta' Mejju, 1999 u wara li rat l-Artikoli 9 u 10 tal-Kap. 152 tal-Ligijiet ta' Malta, (li jibqghu applikabbli, skond l-Artikolu 28(2) tal-Kap. 446) tibghat lill-hati quddiem dik il-Qorti biex tittratta mieghu ghar-reati li ghalihom kien gie maghmul l-ordni ghall-liberazzjoni bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena mid-data ta' dik is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------